



Brussell, 4 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

15604/1/25
REV 1 ADD 1

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0059 (COD)**

**MIGR 430
JAI 1711
COMIX 409
RELEX 1516
CODEC 1847
CH
IS
LI
NO**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali fl-Unjoni, u li jħassar id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE - Approċċ ġenerali - Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Irlandiża

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Irlandiża b'rabta mar-Regolament imsemmi hawn fuq.

DIKJARAZZJONI MILL-IRLANDA
dwar Ġeometrija Varjabbli u Miżuri Ibridi

Ftehim ta' Approċċ Ġenerali għar-Regolament li jistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali fl-UE

L-Irlanda hija kuntenta li ntlaħaq Approċċ Ġenerali dwar ir-Regolament li jistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali fl-UE.

L-Irlanda tinnota li l-Approċċ Ġenerali neħħa l-elementi ibridi tal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni Ewropea.

Ma hemm xejn fit-Trattati, il-Protokolli jew il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li jipprekludi, bħala kwistjoni ta' prinċipju, l-adozzjoni ta' miżuri ibridi; jiġifieri, att tal-Unjoni li fih kemm dispożizzjonijiet li jikkostitwixxu l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen kif ukoll dispożizzjonijiet li jiffurmaw parti mill-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja b'mod aktar wiesa'.

L-Irlanda tfakkar li l-istrumenti ibridi huma legalment validi u jistgħu jservu biex jiġu riflessi realtajtiet kumplessi fejn ir-regoli jeħtieġ li japplikaw kemm għal sitwazzjonijiet ta' Schengen kif ukoll għal dawk mhux ta' Schengen.

L-Irlanda tfakkar li għadd ta' miżuri tal-Unjoni fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja diġà jikkombinaw, fi strument waħdieni, dispożizzjonijiet li jikkostitwixxu żviluppi tal-acquis ta' Schengen u dispożizzjonijiet li ma għandhomx dik in-natura. Tabilħaqq, hemm sitwazzjonijiet fejn il-ġeometrija varjabbli u l-ibridità huma l-aktar mod xieraq biex jiġi żgurat li l-elementi kollha jinqabdu f'miżura waħda u li jkun jista' jipparteċipa l-għadd massimu ta' Stati Membri u pajjiżi assoċjati ma' Schengen.

L-Irlanda tinnota l-indikazzjoni ta' appoġġ jekk l-Irlanda tagħmel talba biex temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192, sabiex tippermetti l-parteċipazzjoni tal-Irlanda fl-acquis ta' Schengen fir-rigward tar-ritorni, inkluż ir-Regolament.